# Diskors tas-Sindku Noel Formosa fl-okkażżjoni ta Jum San Lawrenz 2006 u l-inawgurazzjoni tal-Monumnet f'ġieħ Dun Ġużepp Cauchi.

Onor Ministru Giovanna Debono, Vici Sindku, shabi kunsilliera, Onor Membri Parlamentari, Wisq Rev. Kappillan u Kleru, kollegi sindki, ħuti Lawrenzjani.

F'inqas minn sena erġajna iltqajna f'dan il-post u f'inqas minn erbgħa u għoxrin siegħa erġajna iltqajna sabiex ninawguraw proġett ieħor għalina li ngħixu f'din il-kommunita'. Proġett ieħor ta' tisbieħ li jkompli jsebbaħ lill-lokalita' tagħna. Pero illum ukoll qegħdin niċċelebraw Jum San Lawrenz sabiex infakkru t-12-il sena mit-twaqqif tal-Gvern Lokali, fir-raħal tagħna, 12 il-sena ta' ħidma u servizz bla ma jaqta lill-poplu ta' dan ir-raħal. Jekk inħarsu lejn is-sena li għaddiet nistgħu ngħidu li kienet sena li ħalliet impatt qawwi u pożittiv fuq ir-raħal tagħna. Il-Proġetti u l-akkwisti li konna kapaċi nagħmlu bħala Kunsill kienu akkwisti li ser ingawduhom issa u għall-futur.

Matul is-sena li għaddiet il-Kunsill ikkonkluda proġetti kbar u li jiswew ħafna flus bħal ma huma dak tal-playing field u l-belvedere, il-grawnd bit-turf li inawgurajna l-bieraħ. Kif ukoll is-sena li għaddiet għexna mumenti sbieħ ma ħutna ta' Colle Umberto kemm hawn ġo San Lawrenz u anke f'l-Italja. Dan il-proġett tal-ġemellaġġ ġie ffinanzjat kollu kemm hu mill-Unjoni Ewropea. Proġett ieħor sinjifikanti u mportanti huwa dak tal-Website professjonali li għandu l-Kunsill, liema Website ġiet inawgurata ma tul din is-sena. Website informattiva u li tiġi *updated* kulljum. Website li kienet suċċess ma l-ewwel ġimgħa ta' ħajja tagħha. Mir-rapporti li għandna din il-website s'issa żaruha 'l fuq minn ħamsin elf ruħ minn madwar id-dinja kollha. Nawgura li għal l-emigranti tagħna din il-website tkun sors ta' kuntatt dirett bejnhom u bejn ir-raħal. Sadanitant il-Kunsill baqa jagħti s-servizz bażiċi tiegħu li wkoll jiswew il-flus bħal ma huma dawk ta' manutenzjoni u ta' l-indafa. La semmejt l-indafa nixtieq hawnhekk niġbed l-attenzjoni ta' kulħadd sabiex inkomplu inħobbu l-indafa fir-raħal tagħna. Kif tafu matul is-sena li għaddiet introduċejna l-bins f'diversi areas tar-raħal sabiex ngħinukom inżommu l-indafa, ġenwinament nixtieq li l-użu ta' dawn il-bins isir aktar kif suppost.

Apparti dawn il-ħidmiet il-Kunsill Lokali ma waqafx jkompli jistinka sabiex jakkwista fondi mill-Unjoni Ewropea għal-matul din is-sena u bi pjaċir ngħid li apparti l-fondi tal-ġemellaġġ din is-sena il-Kunsill kien kapaċi jakkwista 'l fuq minn 50,000 euro sabiex matul din is-sena norganizzaw exchange kbir bejn 9 pajjizi għaż-żgħażagħ ġewwa San Lawrenz. Akkwist ieħor importanti kien dak fid-diskussjonijiet li kellna dwar il-management tal-bajja tad-Dwejra, li flimkien mal-Ministeru għal Għawdex, bl-interevent anke dirett tal-Ministru Ġiovanna Debono, wasalna sabiex insolvu l-kwistjoni tal-boat houses fil-bajja u wkoll sabiex jingħata bidu għal management ta' din il-bajja ġawhra ta' pajjiżna. Jekk il-bambin irid fil-futur qarib ser jingħata bidu għal ewwel fażi dik tar-restawr tal-ħitan tas-sejjieħ u l-irranġar tal-pjazza tad-Dwejra. Ma jistax ikun li ma nsemmix ukoll akkwist ieħor importanti li għamel il-Kunsill matul din is-sena dak li fil-Local Plan il-ġdid konna kapaċi li t-talba tagħna sabiex isir *housing* soċjali fir-raħal tiġi mismugħa. Bi pjaċir u sodisfazzjon ngħid li f'dan il-local plan biċċa art kbira tal-Joint office fi Triq il-Ġebla tal-Ġeneral u fi Triq it-Torri ġiet immarkata għal skopijiet soċjali. B'dan il-Kunsill kien kapaċi jakkwista dak li ilna

nitolbu esetensjoni fir-raħal tagħna sabiex nissalvagwradaw l-identita' partikolari tar-raħal tagħna. Diġa flimkien mal-Ministeru għal Għawdex u mal-Ministeru għal familja u s-solidarjeta' Soċjali tajna bidu sabiex malajr kemm jista' jkun jinbeda x-xogħol. Għada s-Sibt fil-għodu għandi laqgħa mal-*housing authority* dwar dan.

Ma jistax ikun intwwal ħafna għalhekk elenkajt xi *highlights* mill-ħidma kollha li wettaqna matul din is-sena u fuq fuq ser nagħti wkoll x'inhuma l-ħsibjiet tagħna għal matul is-sena li ġejja. Żgur li malajr kemm jista' jkun ser nagħtu bidu għal proġett ieħor importanti dak ta' Tarmak fi Triq ir-rokon mill-Lukanda l-isfel u wkoll meta nsolvu l-problemi kollha ser nagħtu bidu għat-tarmak ta' Treqet l-10 t' Awissu, u aktar tard jekk il-bambin irid nibdew il-proġett ieħor ta' tisbieħ fl-isqaqien li jikkarterizzaw lir-raħal tagħna. Bla dubju ta' xejn ser inkomplu inkunu dejjem qrib tagħkom għaliex dak kollu li nagħmlu qed nagħmluh sabiex intjebu l-livell ta' l-għixien tagħna lkoll.

Din is-sena il-Kunsill Lokali iddeċieda li Jum San Lawrenz ikun iċċellebrat b'mod differenti min tas-soltu iddeċidejna li niddekawh kollu kemm hu lill identita' partikolari tagħna li għaliha għandna għal fejn inkunu kburin u kien propju għalhekk li ddeċidejna li fl-okkażżjoni tal-50 sena mill-mewt ta' Dun Ġużepp Cauchi insellmu lill dan il-qassis, qassis umli li ħabb lil Alla, lil proxxmu tiegħu u lil raħal twelidu. Permezz ta' Dun Ġużepp ridna nsellmu lill ta' qabilna li ħadmu sabiex illum San Lawrenz huwa dak li huwa. Kont ilni nisma kemm Dun Ġużepp Cauchi ħabbu lir-raħal u minn dejjem bernet f'moħħi li xi darba nfakkru b'mod denju lil dan il-Lawrenzjan per eċċellenza, sħabi l-kunsilliera qablu mill-bidu li jsir dan il-proġett li llum qed ninawguraw u ħdimna bla waqfien sabiex wasalna għal din il-ġurnata. Dun Ġużepp jixraqlu, Dun Ġużepp huwa xempju għalina lkoll, xempju ta' umilta' u mħabba fl-aqwa tagħha. Dwar Dun Ġużepp ser nisimgħu aktar il-quddiem f'dan il-programm mill-pro nepputi tiegħu Patrick Cassar.

Dan il-proġett involva ħafna nies li lkoll kemm huma ħadmu sabiex illum qed naraw dak li qed naraw. Għal kollox hemm bżonn tas-sagrifiċċju u l-imħabba ipperemettuli nirringrazzja l-ewwel net lil-artist bravu Joe Scerri mir-Rabat Malta li ntagħżel sabiex jagħmel dan ix-xogħol. Aktar il-quddiem ser taraw kif dan l-artist mingħajr ma jaf lill dan il-qassis ħlif mill-istorja kien kapaċi li joħroġ mhux biss wiċċu imma wkoll il-karattru tiegħu, Joe irrid ngħidlek prosit u grazzi ta' din l-opra sabiħa li għamiltilna sabiex inkomplu nżejnu lil raħalna. Grazzi partikolari ieħor imur għal Jason Cauchi u Noel Formosa li ħadmu minn qalbhom fuq il-pedistal ta dan il-monument. Biċċa xogħol sabiħa ħafna u maħduma tajba. Ma nistax ma nirringrazzjax lill Joe Grima u l-familja tiegħu, li apparti li għamel xogħol tajjeb u professjonali serraħħli moħħi li x-xogħol ser isir tajjeb u ser ikun lest fil-ħin. Kuntrattur ieħor Lawrenzjan li ħadem minn qalbu għal dan il-proġett. Nirringrazzja wkoll lill dawk li ħadu ħsieb is-sigar u l-pjanti li qed naraw f' din ir-*round about,* Patrick Caruana u Lawrence Formosa. Lil-Richard Cauchi u lil- Inġiniera Mario Galea u Renzo Curmi li ħadu ħsieb id-dawl, lill-Perit Edward Scerri li ħa ħsieb jikkordina dan ix-xogħol. Grazzi lil dawk li matul l-ħidma f' dan il-post għenu u taw s-sapport tagħhom, lil familja ta' Joe Sultana, lil familja ta' Ġanni Mifsud, lil Familja ta' Wenzu Micallef u lil Charlie Farrugia li f'kull attivita' li jkollna jieħu ħsieb li jġibilna l-qsari. Grazzi wkoll lil fondazzjoni Dun Ġużepp Cauchi u l-familjari tiegħu ta' l-għajnuna u s-sapport.

L-aħħar grazzi tiegħi jmur lil Ministru għal Għawdex li kull meta r-raħal jkollu bżonn insibuha minn ta quddiem li tagħti l-għajnuna tagħha. Grazzi wkoll lil dawk kollha li b'xi

mod jew ieħor matul is-sena kienu ta' għajnuna fil-ħidma tagħna fil-Kunsill Lokali, u grazzi lilkom għeżież sħabi Viċi Sindku, Kunsilliera u Segretarja eżekuttiva, u lilkom ħuti lawrenzjani tas-sapport ġewwin li tagħtuna sabiex l-għażiż raħal tagħna jkompli miexi 'l quddiem f'kull qasam.

Noel Formosa
Sindku
14 ta' Lulju 2006